# L-Erbgħa u Għoxrin Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena

## Qari I

*Tajt dahri lil dawk li kienu jsawtuni*

Is 50, 5-9a

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija**

5 Sidi l-Mulej fetaħli widinti,
u jiena ma webbistx rasi,
ma rġajtx lura.

6 Tajt dahri lil dawk li kienu jsawtuni,
ħaddejja lil dawk li kienu jnittfuli lħiti;
ma ħbejtx wiċċi mit-tagħjir u l-bżieq.

7 Sidi l-Mulej jgħinni,
għalhekk ma nitħawwadx;
għalhekk għamilt wiċċi bħaż-żnied:
jien naf li ma jkollix mniex nistħi.

8 Dak li jagħmel ġustizzja miegħi jinsab fil-qrib.
Min se jeħodha miegħi?
Ħa noqogħdu għall-ħaqq flimkien!
Min hu kontrija? Ħa jersaq lejja!
9 Ara, Sidi l-Mulej jgħinni:
min se jagħtini t-tort?

**Il-Kelma tal-Mulej**
℟. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Salm 114 (116), 1-2.3-4.5-6.8-9

R/. (9): Jien nimxi quddiem il-Mulej f'art il-ħajjin

1 Inħobb il-Mulej,
għax sama' leħen it-tħannin tiegħi;
2 għaliex hu tani widen
fil-jum li fih sejjaħtlu. R/.

3 Il-ħbula tal-mewt dawruni,
l-irbit tal-imwiet ħakimni;
fin-niket u l-hemm sibt ruħi.
4 Imma isem il-Mulej sejjaħt:
«Mulej, nitolbok, salvani!» R/.

5 Ħanin il-Mulej, u ġust;
twajjeb hu Alla tagħna.
6 Iħares id-dgħajfa l-Mulej;
jien kont magħkus, u hu ħelisni. R/.

8 Għax mill-mewt ħelisli 'l ħajti,
lil għajnejja mid-dmugħ
u 'l riġlejja mit-tfixkil.
9 Jien nimxi quddiem il-Mulej
f'art il-ħajjin. R/.

# Qari II

*Il-fidi mingħajr l-għemil hi mejta.*

Ġak 2, 14-18

**Qari mill-Ittra ta' San Ġakbu Appostlu**

14 X'jiswa, ħuti, li wieħed jgħid li għandu l-fidi jekk ma jurihiex
fl-għemil tiegħu? Jaqaw tista' ssalvah din il-fidi?

15 Jekk ħuk jew oħtok ma jkollhomx x'jilbsu u jonqoshom l-ikel ta'
kuljum, 16 u wieħed minnkom jgħidilhom: «Morru bis-sliem, isħnu u
kulu sa tixbgħu», bla ma jagħtihom dak li hu meħtieġ għall-ġisem,
dan x'jiswa? 17 Hekk ukoll il-fidi: jekk tkun weħidha u ma jkollhiex
l-għemil, tkun mejta fiha nfisha.

18 Imma xi ħadd jista' jgħid: «Int għandek il-fidi, u jiena l-għemil.»
Urini l-fidi tiegħek mingħajr l-għemil, u jien nurik il-fidi tiegħi
mill-għemil tiegħi.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Gal 6, 14

Hallelujah. R/. Hallelujah
Ma jkun qatt li niftaħar
jekk mhux bis-salib ta' Ġesù Kristu,
li bih id-dinja hi msallba għalija u jien għad-dinja.
R/. Hallelujah

# Evanġelju

*Hu meħtieġ li Bin il-bniedem ibati ħafna.*

Mk 8, 27-35

## Qari mill-Evanġelju skont San Mark

F’dak iż-żmien, 27telaq Ġesù flimkien mad-dixxipli tiegħu lejn
l-irħula ta’ Ċesarija ta’ Filippu. Huma u mexjin, lid-dixxipli tiegħu
għamlilhom din il-mistoqsija: «Min jgħidu n-nies li jien?» 28Weġbuh u
qalulu: «Ġwanni l-Battista; oħrajn, Elija; u oħrajn, wieħed
mill-profeti.» 29Staqsiehom: «Imma intom, min tgħidu li jien?»
Qabeż Pietru u qallu: «Inti l-Messija.» 30Imbagħad ordnalhom
ħafna biex ma jitkellmu ma’ ħadd fuqu.

31U beda jgħallimhom fuq li kien meħtieġ li Bin il-bniedem ibati
ħafna, ikun miċħud mill-anzjani u mill-qassisin il-kbar u l-kittieba,
joqtluh, u wara tlitt ijiem jerġa’ jqum. 32Fuq dan kellimhom ċar.

Pietru ġibdu lejh u beda jlumu. 33Iżda hu dar iħares lejn id-dixxipli
tiegħu, u ċanfar lil Pietru u qallu: «Itlaq minn quddiemi, ja xitan,
għax m’intix taħseb fil-ħwejjeġ ta’ Alla, imma f’dawk tal-bnedmin!»

34Sejjaħ lejh in-nies flimkien mad-dixxipli tiegħu u qalilhom: «Jekk xi
ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa’ salibu, u jimxi
warajja. 35Għax min irid isalva ħajtu, jitlifha; imma min jitlef ħajtu
għall-imħabba tiegħi u tal-Evanġelju, isalvaha. 36Għax x’jiswielu
l-bniedem jekk jikseb id-dinja kollha u mbagħad jitlef ħajtu?»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu